IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ
L-AKKADEMJA TAL-MALTI

ĠUNJU
1974

**EDITORJAL:**

# "IL-MALTI" U L-KULTURA

IR-RIVISTA "Il-Malti" daħlet fil-50 sena tal-pubblikazzjoni tagħha. Matul dawn is-snin hi wasslet il-messaġġ tagħha, dgħajjef għall-bidu, imma li baqa' dejjem jitqawwa kulma jmur tul iż-żmien sakemm il-Malti ħa l-post li kien jixraqlu, l-istudju tal-Malti infirex u l-letteratura Maltija tħawlet, nibtet u rabbiet l-għeruq. Illum l-Akkademja tal-Malti bir-rivista tagħha tista' tkanta l-innu tar-rebħa u tagħmel il-qalb ħalli tissokta l-ħidma siewja tagħha.

L-għan tar-rivista "Il-Malti" hu li tħares l-interessi tal-Malti, li t'eħu ħsieb li l-ortografija li bdiet l-Akkademja għall-uniformità tal-kitba ma titmessx minn idejn mhux esperti u li xxerred il-letteratura u l-kultura Maltija.

B'riħet l-Akkademja llum għandna ortografija li minkejja n-nuqqasijiet tagħha tat uniformità lill-kitba tal-Malti u dewbet it-taħwid li kien isaltan qabel. It-"Tagħrif" li kienet ħarġet, illum qed jitgħarbel minn sotto-kumitat imwaqqaf minnha b'ex jimla l-vojt li nħoloq fl-ortografija mħabba l-kliem barrani li ddeffes u libes sura Maltija.

Jisgħob bina li smajna li xi wħud responsabbli għall-mudelli tat-*typewriters* li għandhom il-karattri Maltin tħajru jew qed jitħajru jħallu barra mit-tipi tal-magna t-tikka tal-ittra "ċ". Imma tradizzjoni hekk qawwija mhux la kemm tarmija barra. Biżżejjed taħseb kemm mijiet ta' kotba llum huma stampati bl-ortografija li għandha t-tikka biex tintebaħ kemm hi vojta u barra minn lokha l-mossa li qed issir. Tkun qed toħloq it-taħwid li kellna qabel. Xogħol bħal dan mhux għal idejn id-dilettanti imma għal nies esperti bħalma qabbdet l-Akkademja dan l-aħħar.

B'riħet l-Akkademja wkoll li l-letteratura Maltija llum tista' tiftaħar b'xogħlijiet li ma jagħmlux għajb lill-ġens Malti. Barra li ħafna kittieba naqqxu għalihom isem fl-istorja tal-letteratura, illum qed

naraw ħafna żgħażagħ imħeġġa għal ilsien art twelidhom jiktbu b'sengħa kbira u jżejnu lsienna bix-xogħlijiet tagħhom. Li kieku llum wieħed kellu jagħmel għażla għaqlija mill-kitba li dehret f'dawn is-snin fir-rivista "Il-Malti" biss, kieku kien igħaqqad l-isbaħ antoloġija; ħsieb li forsi għad iseħħilna nwettqu. Aħseb u ara jekk tqis il-kotba ta' livell għoli li nkitbu sforz l-interess li qajmet l-Akkademja. Kienet ir-rivista li fetħet il-paġni tagħha fejn il-kittieba setgħu juru t-talent tagħhom.

Ir-rivista tilqa' fi ħdanha kitba, hi ta' min hi, jekk għandha livell għoli biżżejjed li jagħmel ġieħ lill-Malti u jkabbar il-letteratura u l-kultura tagħna. Ma tidħirx fiha kitba biss għax kitibha dan jew dak li ismu llum ħa postu jekk il-kitba ma tlaħħaqx mal-livell tar-rivista u lanqas ma nbarru minnha lil dawk li għadhom bla isem fil-letteratura imma li l-kitba tagħhom tlaħħaq mal-livell. "Il-Malti" mhux miftuħ għal kulħadd imma għal kull kitba ta' livell għoli ta' kulħadd.

"Il-Malti" jfaħħar dak kollu li hu sabiħ u jilqgħu, jagħmillu l-qalb u jmexxih, waqt li jeħodha kontra dak kollu li jwaqqa' l-ġieh tal-Malti u jbaxxi l-livell tal-kultura tagħna.

L-Akkademja tieħu pjaċir u tilqa' bil-ferħa kull studju serju u pubblikazzjonijiet bil-Malti fuq kull suġġett li jgħollu l-kultura Maltija. L-Akkademja mhix biss biex tgħallem kif jinkiteb il-Malti kif xi wħud jaħsbu imma li tmexxi, tħeġġeġ u tqawwi l-qalb lil kull min jagħmel ġieh lil art twelidu permezz tal-kitba Maltija li tista' tkun fl-oqsma kollha tal-kultura, ibda mil-letteratura sax-xjenza jew mill-mużika sal-filosofija u t-teoloġija.

B'dan l-ideal dħalna li mmexxu r-rivista għad li fi żmien diffiċli u mwiegħer imħabba d-diffikultajiet ta' l-istampa u l-karta. Imma jekk insibu l-għajnuna nibqgħu mixjin 'il quddiem. Ix-xewqa tagħna mhix biss li nwasslu kitba siewja u fejjieda lill-qarrejja imma li nwassluhielhom ta' spiss ukoll. Forsi għad jasal iż-żmien ukoll li dan iseħħilna u ma jdumx.

# IL-PROFESSUR ĠUŻE' GALEA

minn

**DR. WALLACE PH. GULIA, LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A., D.P.A. (Lond)**

**— PRESIDENT TA' L-AKKADEMJA —**

*BHALA l-ewwel numru ta' din ir-rivista mindu ntgħażel il-Kumitat il-ġdid fil-bidu ta' din is-sena, huwa xieraq li nfissru l-ħajr ta' l-Akkademja (tal-Għaqda tal-Kittieba) tal-Malti lill-Kav. il-Prof. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H., għax-xogħol kbir u siewi li huwa għamel fl-interess tal-Akkademja tul dan iż-żmien twil — li jaqbeż fil-wisgħa nofs għomor ta' bniedem magħmul.*

*Il-Prof. Galea kien inħatar President tal-Akkademja f'lok Dun Karm fl-1942, u baqa' f'dik il-kariga magħżul mill-ġdid f'kull laqgħa ġenerali li saret għalhekk minn dak iż-żmien, avolja huwa kien ipprova jħalli l-post biex ikun maħtur xi ħadd ieħor floku qabel; il-membri akkademiċi kollha jiftakru kemm kien ħabrek għal dan il-għan biex Dr. Antonio Cremona — is-Sur Nin — ikun jista' jagħlaq ir-rabta li kellu mal-Akkademja bħala President — tħabrik li falla billi s-Sur Nin xtaq jingħabar Għawdex meta ħass it-tmiem riesaq.*

*Kien mertu kbir tiegħu li l-Akkademja għadha magħna u li għaddiet b'għaqal kbir minn fost il-buffuri kollha tal-ħajja soċjali, ekonomika, politika, reliġjuża tal-pajjiż b'rasha merfugħa 'l fuq, bla mittiefsa, u bla ma warrbet imqar nitfa mill-idijal tagħha ta'*

*"MALTA FL-ILSIEN U L-QALB, MALTA MALTIJA."*

*Dawk li huma mimlijin bil-għomor sew għadhom jiftakru tajjeb il-kriżijiet kostituzzjonali u mhumiex, nazzjonali u partitarji li Malta għaddiet minnhom tul iż-żmien li l-Professur Galea kien President tal-Akkademja u kulħadd jagħraf kif l-Akkademja baqgħet għaddejja taqta' għad-dritt — ħaġa li għandha tibqa' mera bl-istess mod li hija kienet il-mera tat-tattika ta' l-ewwel żewġ Presidenti ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti: is-Sur Ġużè Muscat Azzopardi L.P. u l-poeta nazzjonali, il-Mons Dun Karm Psaila, C.B.E., D. Litt. (Hon. Causa).*

# MINN QIEGĦ L-GĦAMMIEQ

## F.X. MANGION

Minn qiegħ dal-wied tad-dmugħ, Mulej, għajjattlek,
Biex moħħi ddawwal u tirfidli l-fidi,
It-tama ssaħħaħ ġewwa qalbi mnikkta,
U, bħal wieħed bla dawl, tmexxini mn'idi.

U tlabtek biex bl-imħabba tfawwar qalbi —
Din qalbi għamara ta' kull qżież u dnub —
Bl-imħabba li ma tgħirx, u li taf tagħder,
U taħfer, u tissallab għall-maħbub.

Għax ma flaħtx aktar f'dan il-baħar ikreh
Nitħabat bla ma nista' naqbad art,
Inteftef fl-isfaq dlam, misrum għal kollox,
Imhejji biex nintrema ma' l-iskart.

Inqbadt f'burraxka li qatgħetli nifsi,
Qanqlitni sa mill-qiegħ, kessħitli d-demm,
Ġegħlitni nisħet din id-dinja u ġmielha,
U s-siegħa li twelidt għal daqshekk hemm.

Għadabt għall-proxxmu kollu, u lil Alla
Rajtu fil-bogħod, bla qalb u kapriċċjuż;
Xtaqt neqred il-ħolqien, inwaqqa' l-kwiekeb,
U nobżoq f'wiċċ min qabel kont inbus.

Għax rajt li x-xitla li nissilt fi ġnejna,
Kennejtha b'għaqli kollu mill-irjieħ
Kesħin tax-xitwa, kienet rikbet marda
Qalila li tifniha bla mistrieħ.

U rajt ix-xitla bit-taħsir tittabba',
Jisfar il-weraq, kull ma jmur jidbiel,
U l-marda ddur mal-qalba biex teqridha,
U x-xitla tnin bil-mod fir-riħ qattiel.

F'dal-wied tad-dmugħ ħassejtni ngħum bla ħajja
Imnixxef minn kull fidi, mingħajr tama,
Mejta kull xrara ta' l-imħabba f'qalbi,
Naqdef bla naf fejn sejjer qisni agħma.

Minn qiegħ l-għammieq, Mulej, għajjattlek: għini!
Ixgħelli l-fidi, f'dan id-dlam mitluq;
Qawwili t-tama illi ssaffi n-niket;
'Tini l-imħabba li l-qalb tagħni u ttuq.

# KANA

**J. P. VASSALLO**

Darba, fiż-żmien, ġo raħal tal-Lhudija
F'rabta ta' żwieġ kien hemm Ġesù u Marija.
Qraba, ħaddara, ħbieb u mistidnin
F'għożża ta' mħabba, kollha ferħanin.
U f'daqqa waħda indunat Marija
B'għaqal ta' omm li ntemmet il-bettija.
Hasset għal fixla ta' dawk l-imsejknin
Talbet lil Binha biex ikun ħanin.
Hares lejn l-ilma tal-ħolqien is-Sid,
Regħex l-ilma, ħammar wiċċu u sar inbid.

Ejja darb'oħra m' Ibnek, o Marija,
Ejja bl-għotjiet tal-barka u tal-qdusija.
Ejjew fiż-żwieġ tal-lum bħal mistidnin,
Mhux biss tal-fomm, iżda tal-qlub ta' Din.
Illum riti ta' qżież għandhom foħrija,
Priapus, Pluto għandhom biss latrija.
Fiż-żina, fil-kapriċċ hu biss il-ġid,
Intemmet il-mistħija ... mhux l-inbid.
Nitlob lil Ibnek, Marija, b'talb u dmugħ,
Mhux l-ilma safi jħammar ... iżda wċuħ.

**20.9.72**

# RAPPORT AMMINISTRATTIV 1972 1973

**Laqgħa Ġenerali — 24 ta' Frar, 1974.**

META ippreżentajt l-ewwel rapport amministrattiv tiegħi, f'isem l-Akkademja tal-Malti, tliet snin ilu, kont għidt li n-nota karatteristika, minn vers għall-ieħor, kellha tkun waħda ottimista. Dan l-iżjed, mhux għax fi ħdan l-Akkademja kienu twieldu ġrajjiet li għamlulna ġieħ iżda għaliex l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti setgħet tara li dak li nżera' ħamsin sena llum rabba għeruq qawwija.

L-ortografija *ta' l-Għaqda* u Lsienna mhux biss daħlu fil-qalb u r-ruħ tas-Soċjeta' Maltija iżda l-istess kittieb Malti beda jsib ukoll in-niċċa tiegħu fost il-poplu, u ma jingħaddux il-kittieba ġodda li ħarġu jwarrdu fi ġnien artna b'xogħlijiet li qatt daqs dan l-aħħar ma raw il-bibljoteki tagħna.

Iż-żmien ikreh kien għadda u t-taqtiegħa biex il-Malti jitgħammed bħala lsien uffiċjali u magħruf mill-Awtoritajiet issa kienet intemmet. Dan għaliex il-poplu li wirtu riedu.

B'riżq ħażin iżda, il-folja tidher li nqalbet: dan l-aħħar intbaħna (forsi ftit tard) li ħtija l-injuranza u n-nuqqas ta' tagħlim, l-egħdewwa ewlenena tagħna issa saru l-mezzi ta' komunikazzjoni li qed jilħqu l-poplu b'teoriji oħra. Għax għalkemm il-Malti daħal kullimkien, l-ortografija li rebħet l-għarfien tal-kbar qed tistaħba fid-dell tal-progress u l-idjoma Maltija hi mkaxkra bil-qari ta' ġenerazzjoni ġdida li għallmuha taqra u taħseb b'ilsien barrani.

Dawn il-problemi ħassbu bis-sħiħ 'il-Kunsill il-ġdid li daħal biex ikompli l-ħidma ta' l-ewwel mexxejja ta' l-Akkademja fosthom il-mibki Ninu Cremona u waħda mill-ħidmiet kien is-Seminar għall-Ġurnalisti dwar "Il-Malti" fil-Ġurnaliżmu" li fih ġiet imfissra l-qagħda tal-Malti llum fil-ġurnaliżmu u x-xandir u kif dawn jistgħu jgħinu biex l-Ilsien Malti jasal iżjed Malti għand il-Maltin.

Dan is-seminar kellu jkun l-ewwel minn sensiela ta' laqgħat biex tarġa wara tarġa nerġgħu nerfgħu Ilsienna fuq il-pedestall li jixraqlu.

Ta' min isemmi, hawnhekk, li l-aħħar ħidma ta' dan il-Kunsill kienet it-tħejjija għal-laqgħa oħra li torbot ma' ta' qabilha. Sadanittant, il-membri akkademiċi kellhom l-okkażjoni jiltaqgħu flimkien, f'laqgħa ġenerali li saret iżjed kmieni dan ix-xahar biex jaraw iżjed mill-qrib il-problemi dwar il-kitba tal-Malti illum, b'riferenza speċjali għall-ortografija u l-vokabularju.

Kollox ma' kollox ma nistgħux ngħidu li kemm l-ewwel seminar kif ukoll il-ħidmiet l-oħra li l-Akkademja fasslet u xerrdet f'dawn l-aħħar sentejn ta' dan il-Kunsill ma wrewx imqar merżuq ġdid ta' tama għal ġejjieni isbaħ. Forsi wieħed jithenna jkun jaf għalkemm għall-oħrajn dan mhux sigriet, li uffiċjali tal-Kunsill u membri oħra ta' l-Akkademja qegħdin jaħdmu minn wara l-kwinti biex isewwu dawn l-għeltijiet fl-oqsma kollha u nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem li din il-ħidma qiegħda tagħti frott.

Uffiċjalment, imbagħad, l-Akkademja tgawdi l-fiduċja ta' l-Awtoritajiet Ċivili li jqisuha kif jixraq, il-korp akkademiku li għandu f'idejh il-ħarsien ta' wieħed mill-ilsna ta' l-Istat kif tgħid l-istess Kostituzzjoni.

Dan l-għarfien ġie msaħħaħ bil-pubblikazzjoni ta' dan il-Kunslil fil-Gazzetta tal-Gvern u b'rappreżentanza mill-Akkademja f'Kumitati u Bordijiet Governattivi, fosthom dak għall-għoti ta' premijiet għall-aħjar kotba bil-Malti tas-sena. Ta' min iżid ukoll li l-Akkademja qed tieħu sehem ukoll fil-Kunsill tas-Soċjetà "Din l-Art Ħelwa" biex tħares l-interessi ta' Lsienna.

Fuq l-isfond ta' għarfien uffiċjali, nieħdu pjaċir innizżlu fid-djarju ta' dawn l-aħħar sentejn l-ewwel riċeviment mogħti mill-E.T. il-Gvernatur Ġenerali u Lady Mamo, għall-kittieba Maltin. L-E.T. kien f'kuntatt u f'konsultazzjoni mal-President u s-Segretarju ta' l-Akkademja dwar l-istedina lill-kittieba tal-Malti u għal tagħrif dwar il-ħidmiet tagħhom.

L-Akkademja ġiet mistiedna wkoll mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex tara l-manuskritti bi tħejjija għall-kotba tal-Malti fl-Edizzjoni ġdida li ħierġa għall-istudenti tal-iskejjel tal-Gvern. Is-Sur F.X. Mangion f'isem l-Akkademja ressaq rapport dwar is-siwi letterarju tal-kitbiet li ser jidħru. Sehem ieħor siewi kellha l-Akkademja fit-twaqqif tal-Kunsill Ċentrali tal-Malti u fuq xewqa ta' l-istess Għaqdiet, il-President tagħha għandu r-riedni f'idejh.

Meta niġu għall-ħidmiet li saru f'dawn it-22 xahar li fihom il-Kunsill iltaqa' 26 darba, wieħed iqiegħed mal-bqija ġa msemmija: il-Konkors Nazzjonali tad-Drama li tnieda bil-għajnuna finanzjarja tad-Ditta Rothmans ta' Pall Mall u li nistgħu ngħidu kixef orizzonti ġodda fil-qasam tad-dramm Malti u għen biex il-kittieb tagħna jitla' tabilħaqq

fuq il-palk Malti; il-Laqgħat ta' Qari minn membri akkademiċi li saru fit-Teatru Manoel; u fl-istess Teatru wkoll sehem l-Akkademja fil-Programm li fakkar għeluq il-50 sena mill-kitba ta' l-Innu Nazzjonali.

L-organu ta' l-Akkademja "Il-Malti" ra wkoll titjib għall-aħjar u b'ħidma wtieqa irnexxielna nibdew ngħadduh lill-qarrejja iżjed qrib iż-żmien ta' kull ħarġ minn dari.

B'danakollu, fil-mixja li terraqna f'dawn ix-xhur ma rridux ngħidu li ltqajna biss ma' oqsma jfewħu bil-ward. Ix-xewk u l-għollieq nibtu wkoll. Il-qagħda finanzjarja, biex insemmu wħud, għalkemm tjiebet bil-ħidma tal-Kunsill u bl-għajnuna siewja tat-Teżorier, kif wieħed jista' jara mir-rapport tiegħu, l-Akkademja għadha ma rċevitx is-sussidju ta' £M30 li kien jagħtiha l-Gvern fl-imgħoddi, u li dwaru għadna fi trattattivi mal-Ministru; u bl-stess problema u n-nuqqas ta' fondi f'moħħna, inżidu li l-Kunsill kellu iżjed minn darba jfakkar fid-dmir tal-membri dwar il-ħlas tas-sħubija.

Dieqa oħra li ġarrabna kienet it-telfa ta xi membri akkademiċi, għaliex għalkemm ingħaqdu magħna wħud mill-aħjar kittieba magħrufa għall-pinna tagħhom u sehemhom fis-soċjetà fosthom l-Onor. Ministru Pawlu Xuereb, il-mewt ħasdet minn fostna tnejn minn sħabna; is-Sur Emanuel Anthony Scalpello Borg, kittieb anzjan u s-sur Pawlu Cachia li b'ħeġġa kbira għadni niftakru jieħu l-kariga ta' Segretarju Propaganda f'dan l-istess Kunsill.

Qegħdin ngħixu f'dinja ta' kuntrasti u għalhekk it-tiżwiq ta' dellijiet u dija f'dan il-kwadru ta' ħidma kulturali issa jeħduna lejn ilwien isbaħ. Hassejna d-dmir li nressqu għall-għotja tal-midalja tal-mertu mogħtija mill-Konfederazzjoni tal-Kumitati Ċiviċi, lill-President li għal dawn l-aħħar 32 sena kien fir-ras ta' l-Għaqda. Il-ġieh li ngħata lil Prof. Ġuze' Galea kien ċertifikat sabiħ għall-Akkademja tal-Malti li tatu l-okkażjoni jaħdem fil-mergħat wiesgħa ta' jedd il-Malti. F'egħluq dan ir-rapport ma nistax ukoll ma nroddx ħajr lilu għat-tmexxija għaqlija ta' l-Għaqda; lill-Kunsill li tani l-għajnuna kull meta kont neħtieġha u l-iżjed lill-Assistenta Segretarja, is-Sinjorina Mary Rose Gatt, li meta dmirijiet oħra begħduni għal xi żmien mill-kariga tiegħi daħlet fil-post tiegħi b'ħila kbira.

Dan ir-rapport huwa mera ta' dak li ġara f'dawn l-aħħar sentejn. Meta wieħed iħares lejh jista' jilmaħ xbihetu — bis-sabiħ u l-ikrah li għandna. Hemm iżda tama qawwija li l-ġejjieni għad juri xbihat isbaħ li għandhom ikomplu huma x-xogħol fejjiedi li nbeda mill-ftit 50 xitwa ilu.

**CHARLES COLEIRO**
**Segretarju Onor.**

# ĊEKOSLOVAKKJA

## AMANTE BUONTEMPO

Riħ fuq-il-Lvant, minn fejn ġej riesaq lejja,
tolqotli 'l qalbi b'nebħietek battala?
Għax qed tonfoħli dal-biża' f'widnejja
ta' gwerra oħra li forsi m'hemmx bħalha?

Ċekoslovakkja b'qawwietha mudlama,
li waqfet siekta lill-Kremlin li jista',
żgur ma tħallix illi jibqa' fil-għama
min jerġa' lura minn art komunista.

Qawwiet armati tal-Patt ta' Varsavja
għad joqtlu l-iġsma ta' nies l-aktar ħajja;
imm'int tiktibli fis-skiet l-akbar glorja
tan-nies bla biża' li ħażżu dil-ġrajja.

M'għandekx għalfejn tibgħat ittri w telegrafi,
ja Riħ li titlaq minn Praga bil-ħrara;
iżda semmagħli dan-noti t'epigrafi,
li l-elettronju tal-qlub ma jafx jara.

Halli lid-dinja tal-blokki meħlusa,
li int twasslilna l-messaġġi f'isimha,
tgħid 'l-art taċ-Ċeki w Slovakki mirfusa
li f'tagħna bħalhom hemm għajb li jaħkimha.

Hawnhekk niġġieldu biex forsi jtejbuna,
hemmhekk imutu biex jgħixu fis-sliema:
Ċekoslovakkja w Irlanda juruna
li għalli ġej m'hemmx ħelsien għall-ħaddiema.

Għadhom l-istrajks fl-Oċċident jagħmlu ħerba,
kif għadhom jgħammru fil-Lvant l-aqwa lsiera:
Ma' kullimkien dak li jdejjaq kull darba
m'hux ħlief il-fdal ta' xi ħaqq bla bandiera.

Reġġa' fil-Lvant, ja bassar kollox hieni,
L-aħjar tifsira tas-sliem li twassalha:
u iknes l-għabra tal-iswed ġejjieni,
li jiġi qabel is-skiet tal-Kbir Alla.

Dejjem jobduk qlub bħal Dubċek li juri
kemm huma rari fuq l-art nies setgħana,
huma wkoll vittmi ta' setgħa w unuri,
għad illi dejjem mill-gwerer beżgħana.

Inti wkoll tagħżel il-liġi li tħares,
bħal m'inti mqanqal mill-'jien' li jkun falla:
aħna wlied ħielsa lebsin ta' qaddejja,
meta nintrabtu mal-liġi ta' Alla.

*(Maqluba mit-Taljan tiegħi stess tal-25 ta' Awissu, 1969).*

---

# L-UĊUH KOLLHA

## OLIVER FRIGGIERI

Met'għad jitkellmu f'daqqa l-uċuh kollha
li hemm ġo moħħi, qabar ġdid li jesa',
ikun l-aħħar tad-dinja, u jien nitfarrak
kif waqa' l-ogħla bini fl-aħħar gwerra.
Met'għad jitkellmu tisma' geġwiġija
t'orkestra bla surmast u repertorju,
u tħoss l-art taħtek terrimot jitriegħed
għaliex saqajhom dejjem isabbtuhom
u ma jafux jipprotestaw mod ieħor.

Met'għad jitkellmu tersaqx iżjed lejja
għaliex kull wieħed jonfoħ ġewwa fija
bil-qawwa ta' l-orakli meta jidgħu.
Imbagħad tkun tista' tara l-pjan t'elf storja,
imbagħad tkun tista' tmiss il-kranju mxaqqaq,
u mbagħad tkun tista' tkanta l-għanja tiegħek,
met'għad jitkellmu.

**27/10/73**

# KIF BDIET U MXIET L-AKKADEMJA TAL-MALTI

*(L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti)*

**G. ZARB ADAMI**

KOTBA miktubin bl-ortografija tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum Akkademja tal-Malti, mit-twaqqif tal-Għaqda sal-1940.

| ISEM TA' L-AWTUR | SENA | ISEM IL-KTIEB | STAMPERIJA |
|---|---|---|---|
| Agius Marju | 1934 | Is-S.S. Salvatur f'Malta | S. Ġużepp |
| Agius Salvu | 1936 | L-Imgħallem tal-Koki (trad.) Storja ta' Malta Prof. Dr. G.A. Vassallo | Giov. Muscat |
| ,, | 1940 | L-Ewwel Safra Tiegħi | ,, |
| Akkademja tal-Malti | 1924 | Tagħrif fuq il-Kitba Maltija | Stamp. tal-Gvern |
| ,, | 1925 | Il-MALTI (kull tliet xhur) | Empire |
| Aquilina Prof. Ġ. | 1938 | Taħt Tliet Saltniet Ġabra ta' Kitba Maltija | Empire Empire |
| Aquilina Prof. Ġ. | 1936 | Ward ta' Qari Malti I. | Empire |
| ,, | 1937 | Ward ta' Qari Malti II. | Empire |
| Saydon Prof. P.P. | 1940 | Ward ta' Qari Malti III. | Lux |
| Bonnici Dr. Ġ. | 1927 | Imħabba u Mibegħda | Empire |
| B.Sc. B.D. | 1932 | It-trobbija tat-Tfal | Lux |
| ,, | 1938 | Il-Qawwa ta' l-Imħabba Ġabra ta' Kitba Maltija | A.C. Aquilina & Co. |
| ,, | 1939 | Il-Ġmiel ta' Ġisimna | Progress |
| ,, | 1939 | Ħelsien Ġabra ta' Kitba Maltija | Excelsior |
| Born Patri W., O.P. | 1940 | Is-Salib tal-Fidda Ġabra ta' Kitba Maltija | Excelsior |
| Born Patri W., O.P. & Fsadni Patri B., O.P. | 1935 | Thomas More | Lux |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Briffa Dr. R. Ph.C. M.D. | 1931 | Tifkira ta' l-Assedju l-Kbir | Empire |
| Busuttil Patri Alb., S.J. | 1938 | Hitler u l-Istat Totalitarju | Giov. Muscat |
| | | Stalin, il-Bniedem ta' l-Azzar | Giov. Muscat |
| | | L-Imperu Ingliż | Giov. Muscat |
| | | Fuq din il-Blata Nibni l-Knisja Tiegħi | Giov. Muscat |
| ,, | 1939 | It-Traġendja Spanjola | Giov. Muscat |
| | | Il-Mediterran | Giov. Muscat |
| | | L-Ewkaristija u Żmenijietna | Giov. Muscat |
| | | Il-Messaġġ ta' Piju XII | Giov. Muscat |
| Cachia Dwardu | 1934 | Katrin ta' l-Imdina | Empire |
| Caruana F.S. | 1922 | Sta. Barbara, Verġni u Martri | Chretien |
| ,, | 1932 | Grammatika u Ortografija fil-Qosor | Empire |
| ,, | 1934 | Xi Verbi Maltin bis-Suriet Imnissla Tagħhcm | Empire |
| Cassola Alb. | 1940 | Il-Berritta Bajda ta' Bil-Lejl | |
| Cauchi Mons. Pawl. | 1926 | Sant'Ursula, V.M. | Empire. |
| Cortis Dun Karl | 1924 | Ruth | Giov. Muscat |
| Cremona Dr. A. | 1925 | X'Inhu l-Malti Safi | Empire |
| ,, | 1932 | Weraq mar-Riħ | Empire |
| ,, | 1936 | Tagħlim fuq il-Kitba Maltija I. | Oxford Univ. |
| ,, | 1936 | Il-Fidwa tal-Bdiewa | Empire |
| ,, | 1937 | Mikiel Anton Vassalli u Żmenijietu | Empire |
| ,, | 1938 | Tagħlim fuq il-Kitba Maltija II. | A.C. Aquilina & Co. |
| ,, | 1939 | Il-Vokalizzazzjoni tal-Verbi Maltin | Empire |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Darmanin Mons. Ġ. | 1934 | Ir-Reliġjon Imgħallma liż-Żgħar | Soc. Edit. Internazionale |
| Dipartiment tat-Tagħlim | 1936 | Ġabra Żgħira ta' Talb u Tagħlim | Oxford Univ. |
| ,, | 1936 | Ġrajjiet Malta u n-Nies Tagħha A.V. Laferla traduż.: S. Gatt u G. Ebejer | |
| ,, | 1936 | Il-Ġmiel tad-Dinja | Exeter |
| ,, | 1936 | Ħarsa lejn id-Dinja | Exeter |
| Ellul Mercer Ġ. | 1938 | Leli ta' Ħaż-Żgħir Ġabra ta' Kitba Maltija | Empire |
| Farrugia Dun Ġ. | 1936 | Għawdex — De Soldanis | Stamp. tal-Gvern |
| Farrugia Mons. K. | 1935 | Tagħlim Nisrani | Stamp. tal-Gvern |
| Fsadni Patri B., O.P. | 1936 | Il-Quddiesa ta' Kristu Sultan | |
| Fsadni u Born | 1935 | Thomas More | Lux |
| Ġabra ta' Kitba Maltija — G. Bonnici - Editur | 1939 | Sħaba Sewda u Tnax-il Novella Oħra | Excelsior |
| Galea Dun Alwiġ | 1935 | Ħajja ta' San Franġisk di Paola | Lux |
| Galea Ġuże Prof. | 1928 | Il-Knisja ta' Ħal Qormi | S. Ġużepp |
| ,, | 1930 | Storja Qasira ta' S. M. Ordni Kostantinjan ta' San Ġorġ | Ant. Ellul |
| ,, | 1937 | Żmien l-Ispanjoli | Giov. Muscat |
| ,, | 1939 | San Ġwann Ġabra ta' Kitba Maltija | Excelsior |
| ,, | 1940 | L-Ewwel Għajnuna lil Min Ikorri fi Żmien ta' Gwerra | |
| Galea Mons. P. | 1926 | X'Rajt u xi Smajt | Empire |
| Fra Ġerardu minn Ħaż-Żabbar | 1938 | Kemm Hi Ħafifa l-Ħajja Qaddisa | Empire |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Grech Patri Alb. O.P. | 1936 | Għanjiet dwar l-Ewkaristija | |
| Grech Patri Baskal O.F.M. | 1936 | Il-Fidwa tal-Maltin | |
| Għaqda tal-Malti (Univ.) | 1932 | Tagħlim tal-Malti fl-Imgħoddi u l-Lum | Lux |
| Għaqda ta' Qari Tajjeb | 1937 | Il-Vanġelu fi Kliem San Mark | Empire |
| Kissaun M. | 1935 | Il-Ħajja tar-Re Ġorġ V u tar-Reġina Marija | Empire |
| ,, | 1937 | Rakkont ta' Safra fl-Art Imqaddsa minn Patri Franġisk Spaniol (mill-Ingliż ta' Sir Harry Luke - traduzzjoni mill-Ispanjol | |
| Mamo Prof. A., LL.D. | 1934 | Tifkira ta' l-Assedju l-Kbir | Empire |
| Marks John | 1937 | Tejbilhom Ħajjethom | New Art Press |
| Mifsud Bonnici Rob. | 1935 | L-Isem t'Alla | Holy Name Press |
| ,, | 1937 | Midinbin | |
| Muscat Azzopardi Ġino | 1938 | Anġli tan-Niket<br>Ġabra ta' Kitba Maltija | Empire |
| Muscat Azzopardi Ġużè | 1936 | Ċensu Barbara | A. de Giorgio |
| ,, | 1938 | Ċejlu Tonna | |
| Musca Azzopardi Ivo | 1937 | L-Akbar Imħabba | Giov. Muscat |
| ,, | 1938 | Nases ! ! | Imprimerie Commerciale |
| Orlando Ġużè | 1935 | Tqabbila | Lux |
| Pisani Ġorġ | 1936 | It-Taħdita tar-Rebħa | |
| Psaila Mons. Dun Karm | 1927 | Tifkira ta' l-Assedju l-Kbir | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| ,, | 1932 | Il - Ħmistax-il Warda | Empire |
| ,, | 1935 | Żewġ Anġli — Ineż u Emilja (trad. minn D. Caprile) | Giov. Muscat |
| ,, | 1936 | l-Oqbra (trad. ta' **I Sepolcri** ta' Ugo Foscolo) | Stamp. tal-Gvern |
| ,, | 1938 | L-"Jien" u lil Ħinn Minnu | Chretien |
| ,, | 1939 | Il-Għana ta' Dun Karm 1. X'Ħabb u x'Ħaseb il-Poeta | A.C. Aquilina & Co. |
| ,, | 1940 | 2. X'Emmen il-Poeta | |
| ,, | 1940 | 3. X'Għamel Iżjed il-Poeta | |
| | | Ġabra ta' Kitba Maltija | |
| Ransley Ġ. | 1938 | Storja tas-Sinktib | Stamp. tal-Gvern |
| Saydon Prof. Mons. P.P. | | Traduzzjoni tal-Bibbja: | |
| ,, | 1929 | Il-Ġenesi | Empire |
| ,, | 1930 | Ktieb il-Levitku | Empire |
| ,, | 1930 | Ktieb l-Esodu | Empire |
| ,, | 1931 | Ktieb in-Numri | Empire |
| ,, | 1931 | Ktieb id-Dewteronomju | Empire |
| ,, | 1931 | Ktieb Ġożwe | Empire |
| ,, | 1931 | Ktieb il-Kliem — Tifsir il-kliem fil-kotba: Ġenesi, Eżodu Levitku, Ñumri, Dewteronomju | Empire |
| ,, | 1932 | Ktieb l-Imħallfin u Ktieb Rut | Empire |
| ,, | 1933 | Il-Kotba ta' Samwel | Empire |
| ,, | 1937 | Il-Kotba tas-Slaten | Empire |
| ,, | 1939 | Il-Kotba tal-Paralipomni | |
| ,, | 1930 | Il-Malti u l-Ilsna Semin | Giov. Muscat |
| ,, | 1936 | Tifkira tar-Rebħa l-Kbira ta' Maltä tat-8 ta' Settembru, 1565. | |
| Saydon u Aquilina | 1936 | Ward ta' Qari Malti — 1 | |
| ,, | 1937 | Ward ta' Qari Malti — 2 | |
| ,, | 1940 | Ward ta' Qari Malti — 3 | Empire |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Tabone Patri Lett. Pawl, O.F.M. | 1930 | Il-Liġi tas-Sawm u l-Astinenza | Empire |
| ,, | 1936 | Ward jew Xewk | Empire |
| ,, | 1937 | Il-Vija Sagra | Empire |
| Vassallo A.V. | 1936 | Dell ta' l-Imgħoddi | Empire |
| Vassallo Karmenu | 1938 | Nirien | Giov. Muscat |
| ,, | 1939 | Alla taż-Żgħażagħ | Giov. Muscat |
| ,, | 1940 | Metrika Maltija | A.C. Aquilina & Co. |
| Vella E.B. | 1926 | Ħaż-Żabbar bil-Ġrajja Tiegħu | Empire |
| ,, | 1927 | Storja taż-Żejtun u Marsaxlokk | Empire |
| ,, | 1930 | Storja tal-Mosta u l-Knisja Tagħha | Empire |
| ,, | 1930 | Tifkira ta' l-Assedju l-Kbir | |
| ,, | 1932 | Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid | Empire |
| ,, | 1934 | Ġabra ta' Ward I. Antoloġija għat-tfal ta' l-Iskejjel tal-Gvern | Oxford Univ. Press |
| ,, | 1934 | Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata tagħha | Empire |
| ,, | 1935 | Ġabra ta' Ward II. | Oxford Univ. Press |
| ,, | 1936 | Ġabra ta' Ward III. IV. | Oxford Univ. Press |
| ,, | 1936 | Ġabra ta' Ward V. | Malta Chronicle |
| Vella Haber K. | 1938 | Is-Santwarju tal-Qala u r-Raheb Qaddis Sirrew | |
| Xerri Patri Ġorġ, O.F.M. | 1934 | Il-Kbira Missjoni tas-Saċerdot ta' Kristu | Lux |
| ,, | 1935 | Storja Qasira tal-Arċikonfraternita tas-SS. Kurċifiss tal-belt Valletta | Lux |
| ,, | 1938 | San Baskal Baylon | Lux |
| Xerri Dun Ġużeppi | 1935 | Il-Kmandamenti t'Alla | Empire |
| ,, | 1938 | Lin-Nisrani | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Xirka għat-Tixrid talQari Malti — Eġittu | 1937 | Minn Xtut in-Nil | A. de Giorgio |
| Zammit Ġ., B.A., LL.D | 1935 | Tifkira ta' l-Assedju l-Kbir | Empire |
| Zammit Prof. Sir Temi | 1925 | Il-Ġżejjer ta' Malta u l-Ġrajja Tagħhom | Empire |
| ,, | 1930 | Tas-Sliema u San Ġiljan | Empire |
| ,, | 1934 | L-Ewwel Għajnuna lil Min Ikorri | Empire |
| ,, | 1935 | Ġabra ta' Kitba I. | Empire |
| ,, | 1936 | Ġabra ta' Kitba II. | Empire |

Ma jistax ikun li ma ħallejtx barra xi awtur jew xi ktieb għalkemm għamilt kull ma stajt biex ma nħalli barra lil ħadd u ebda xogħol tal-kitba stampat bl-Ortografija tal-Għaqda; għal dan in-nuqqas nitlob min jagħdirni u jimla l-vojt hu billi jgħarrafni bih; l-istess ħaġa nitlob għal dak li għandu x'jaqsam ma' nuqqas fl-isem ta' l-istamperija jew data ta' ħruġ il-ktieb.

**(Jissokta.)**

# JIEN NAF

## OLIVER FRIGGIERI

Jien naf, u m'hemmx għalfejn terġa' tfakkarni,
Mulej, li fit-tellieqa li dħalt fiha,
għaliex daħħaltni inti, bqajtlek lura.
Min għadu ma jafx jimxi m'hux se jiġri,
u min jonqoslu n-nifs ma jistax jirbaħ.

Agħtini vantaġġ kbir quddiem il-bqija,
jew ħudni fost l-udjenza li taf tħares.
Hemmhekk aħjar, Mulej.

**28/10/71.**

# META NIKTEB POEŻIJA

PAWLU MIFSUD

IRRID NISTHAJJEL lili nnifsi poeta, ukoll jekk m'inix. Imma issa tant ili nħażżeż taqbil — iktar minn għoxrin sena żgur — li jidhirli li l-isem ta' poeta sar jixraqli b'xi mod. U billi ġieli smajt ukoll lil xi wħud isejħuli b'dan il-laqam ħlejju ma nixtieqx kieku ngiddeb lil dawn il-ftit — tgħoddhom fuq il-ponot ta' subgħajk — u nistqarr li m'inix.

Immela jien poeta. Kollox sew sa hawn. Biss illum xtaqt infisser ruħi sewwa fuq x'inħoss u x'nagħmel meta niġi biex nikteb poeżija. Ma nafx jekk sħabi l-poeti jġibux ruħhom l-istess bħali għax, kif naħseb ġieli smajtu 'l min igħid, kulħadd hu bniedem għalih waħdu u għalhekk għandek issib min il-ħaġa jifhimha wisq differenti milli naħsibha jien.

L-ewwelnett meta niġi biex nikteb poeżija ma narahiex ħaġa ħafifa daqskemm meta niġi biex nikteb biċċa proża, tkun din forma ta' storja jew ta' kitba oħra. Il-proża naqbad u niktibha meta f'moħħi nkun fassalt erba' punti ġmielhom fuq is-suġġett li rrid nitkellem fuqu jew għaqqadt, bil-għaqal u bis-sengħa meħtieġa, il-ġrajja li nkun nixtieq. Imma l-poeżija xort'oħra: mhux biżżejjed il-ħsibijiet sbieħ u għoljin, imma, irid ikun hemm ma' dawn it-tqanqila tal-qalb. Irrid ngħid jien jekk fil-kitba tal-proża jkun biżżejjed għalija li jaħdem il-moħħ, fil-kitba tal-poeżija, minbarra x-xogħol tal-fantasija, ikolli bżonn l-għajnuna ta' qalb imkebbsa u mixgħula bi ħsus ta' kull xorta. Jekk le', ma nkunux ktibt poeżija li jixirqilha tabilhaqq dan l-isem imma taqbila fqira li bħalha jaf jagħmel kulħadd.

Imbagħad, meta l-qalb u l-moħħ ikunu bdew jaħdmu f'armonija sħiħa u ħelwa ikun jonqosni biss il-karta u l-lapes. Għalkemm naqbad u nibda nikkomponi l-opra tiegħi, biex insejħilha hekk, bil-qisien u bir-reguli li titlob il-prosodija. Iż-żerriegħa tkun nibtet u kull ma jkun jeħtieġ hu ftit tal-kura u tas-sabar biex din in-nebbieta tissokta tikber sakemm issir xitla mimlija ward mill-ifjeħ u mill-isbaħ.

Barra minn hekk, imbagħad, xtaqt insemmi wkoll xi ntietef oħra li jien neħtieġhom wisq biex inkun nista' noħloq poeżija tajba u bnina. Ngħidu aħna nkun irrid rokna fid-dar għall-kwiet, 'il-bogħod kemm jista' jkun mill-ħsejjes u mid-distrazzjoni, għax inkella aktarx jiġrili li ninfixel u nitlef il-ħarira. U mhux l-ewwel darba li minħabba f'dawn li semmejt tħabbilt fil-ħsieb u bridt fil-qalb u dik it-tarbija li kellha titwieled — nifhem ngħid il-poeżija li xtaqt insawwar — mietet f'ġuf ommha.

Tistagħġbux jekk għedtilkom li l-aħjar lok li nsib biex nikteb poeżija hu rokna mwarrba fid-dar. Insibha aħjar minn roqgħa għad-dell ta' siġra qalb l-egħlieqi u l-widien, jew minn medda ramel qrib il-baħar taħt xemx sħuna. Dak kif jogħġob lili; ħaddieħor jista' jħoss ruħu wisq aħjar f'ambjent għal kollox differenti minn dan. Hawn min jistenna l-ħemda tal-lejl meta l-qamar u l-kwiekeb ikunu jixegħlu u jilmaw biddija fiddiena fil-firxa tas-sema sewdieni. Jien bil-lejl inħossni ferm għajjien biex nista' naħseb ċar u biex qalbi titqanqal kif imiss u kif inhu xieraq. Inkun irrid biss norqod u nistrieħ u mhux nikteb il-poeżija.

Haġa oħra wkoll: meta naħsel nibda nikteb poeżija nkun irrid intemmha u neħles minnha mqar kienet din waħda kemmxejn twila. U ġieli, għaldaqstant, bqajt imwarrab u mitluf waħdi għal siegħa, sagħtejn u iżjed ukoll. U mbagħad, meta darba lestejtha, ikolli seba' mitt sena biex niġbor il-karti kollha u naħbihom f'kexxun fejn ma jsibhomli ħadd.

Imma l-poeżija tiegħi tkun għadha mhix lesta għal kollox. Ikun fadalli norqomha, nillixxaha u nillustraha kif jagħmlu lil biċċa rħama jew għamara. Dak ikun xogħol ta' ġurnata oħra u għal dak il-jum jew tnejn — ġieli ġimgħa wkoll — ma nħarisx aktar lejn il-poeżija ġdida tiegħi. Nagħmel bħall-furnar, inħalli l-għaġina toqgħod. U mbagħad meta jasal il-waqt, naqbadha mill-ġdid u erħili naqraha b'dak il-leħen li jkun l-aktar jixirqilha. Fejn nara stunat inbiddlu, fejn insib dgħajjef insaħħu, u fejn insib fieragħ inqaċċtu 'l barra għal kollox. Nerġa' nibda mill-bidu u għandu mnejn nerġa' wkoll norqom xi tarf 'l hawn u 'l hinn sakemm, jidhirli jien, il-poeżija tiegħi ma jkunx fadlilha ħaġ'oħra għair li tiġi ttajpjata bla żball ħalli hekk tidher fil-għajn biċċa xogħol nadifa u magħquda sewwa.

Fl-aħħarnett ma nkunx irrid min jitlobni naqrahielu, l-aktar jekk dawn ikunu nies tal-familja jew ħbieb ta' ġewwa. Min irid jara x'ħażżiżt ikun irid jitqanna u jistenna sakemm tidher mitbugħa f'ġurnal jew rivista — meta ssib fejn — inkella sal-waqt li tinstema' f'xi programm letterarju li jixxandru minn fuq ir-radju jew it-televiżjoni.

U dak, ħbieb tiegħi, jiġri aktarx lili kull darba li niġi biex nikteb poeżija.

# FERNAND GREGH

G. ZARB ADAMI

L-14 TA' OTTUBRU ta' din is-sena jaħbat għeluq il-mitt sena mit-twelid ta' Fernand Gregh; għalhekk jixraq li aħna, li konna fraħna miegħu, bħala kittieba Maltin, meta fl-1960 hu kien maħtur Membru tal-Académie Francaise, issa nfakkruh fl-Organu tal-Akkademja tal-Malti.

Fernand Gregh hu Franċiż ta' nisel Malti li għalkemm f'art twelidu laħaq fuq l-ogħla quċċata qatt ma staħa juri minn liema ġidd kien ħareġ, anzi kien iħossu mkabbar b'nislu u fil-kitba tiegħu ftaħar bih. Hu xtaq ħafna jiġi jagħmlilna żjara u kien diżappunt kbir għalih li ma rnexxilux.

Hu twieled Pariġi f'appartament fuq il-ħanut tal-mużika ta' missieru, u hemm trabba sakemm intbagħat f'kulleġġi biex jistudja u jissaħħaħ għaliex f'żgħoritu u f'żgħożitu kien ibati ħafna bl-emikranja li xi drabi kienet tixtħu fis-sodda għal bosta jiem. Missieru, Charles, kien mużiċista tajjeb u kompożitur; minn għandu u minn għand ommu, Charlotte, imwielda Bonnard, li wkoll kienet iddoqq tajjeb il-pjanu, Fernand wiret l-imħabba tiegħu għall-mużika u għax-xogħol tal-palk, wirt li swielu ħafna ma' tul il-ħajja akkademika tiegħu. Infatti, min kien jaf sewwa lil Fernand kien igħid li seta' sar kompożitur magħruf jew Maestro kbir, kieku flok it-triq tal-ġurnaliżmu, tal-kritika letterarja u drammatika u tal-kitba tal-poeżija, hu għażel li jimxi fit-triq li kienu fetħulu l-ġenituri tiegħu. Dan il-wirt mużikali jinħass sewwa fil-vers ta' Fernand li fih kulħadd jammira mhux biss il-liriċiżmu u l-profondità tal-ħsieb filosofiku, imma l-mużikalità straordinarja tiegħu.

Għalkemm għall-ewwel Fernand daħal fis-Sorbonne biex jagħmel hemm kors tal-filosofija hu ma damx ma nqata' mill-ħajja studenteska universitarja għaliex daħal jaħdem bħala segretarju ma' Paul Calman, editur magħruf ħafna fi żmienu li kien jippubblika *"La Revue de Paris"*. Lanqas f'dan ix-xogħol ma dam żmien twil għaliex ma damx ma mar bil-lieva jaqdi d-dmir tiegħu bħala ċittadin Franċiż; u meta spiċċa mis-servizz militari taħa għall-kitba. Sa dak it-tant hu kien ġa beda jissemma billi fl-1892 kien waqqaf flimkien ma' Marcel Proust, Daniel Halevy, u Henri Bergson ir-rivista "La Banquet" u sena wara beda jikkolabora *f'La Revue Blanche*, anzi nistgħu ngħidu li l-karriera tiegħu bdiet sewwa meta f'dik ir-rivista ppubblika l-istudju tiegħu fuq il-poeta simbolista, Paul Verlaine. Fl-1836 hu ħareġ l-ewwel ktieb tiegħu tal-poeżija, "La Maison de l'Enfance" li wara ressqu għall-kompetizzjoni mnidija mill-Académie Francaise u li bih rebaħ il-premju "Archon — Desperouses" li għalih kienu jippikaw il-poeti Franċiżi,

Dan il-ktieb ta' Fernand qanqal kontroversja sħiħa bejn il-letterati ta' Franza billi l-awtur fil-vers melodjuż tiegħu kien xi drabi tbiegħed mir-regoli riġidi tal-prosodija Franċiża u b'hekk asserixxa l-jedd tal-poeta għall-ħelsien fil-verseġġjar tiegħu. Kien permezz ta' dan il-ktieb u l-premju li kiseb li beda jonfoħ riħ ġdid fost il-poeti Franċiżi. Fl-1902, flimkien ma' l-aħwa Marius u Ary Leblond, Fernand waqqaf rivista oħra "La Grande France" u fl-istess sena f' "Le Figaro" ippubblika l-"Manifeste de l' Humanisme" li, biex ngħidu hekk, kien il-kredu ta' ħajtu. Fernand kien umanista u kien iħobb lil min kien agħar minnu u ried igħinu; dan jidher ċar minn fatt ieħor: meta flimkien ma' Georges Clemenceau u Gabriel Seailles, u fil-preżenza ta' Anatole France hu waqqaf f'Faubourg Saint-Antoine l-Università Popolari biex permezz tagħha jitgħallmu dawk li sa dak iż-żmien, x'aktarx għal raġunijiet finanzjarji, ma kenux jistgħu jkollhom edukazzjoni universitarja. Bħala umanista hu kien studjuż kbir tal-opra ta' Victor Hugo u kif naraw aktar 'l quddiem kiteb ħafna fuqu u fl-1926 inawgura fis-Sorbonne il-kattidra Victor Hugo. Hu ddefenda wkoll lil Dreyfus u ħadem ma' Emile Zola sakemm il-ħaqq rebaħ u Dreyfus reġa' ngħata l-ħelsien.

Fl-1903 Fernand iżżewweġ lil Harlette Hayem li kienet ukoll kittieba; miż-żwieġ tiegħu kellu żewġt itfal — Genevieve u Francois-Didier li għamel isem fil-qasam finanzjarju ta' Franza u li kiseb ġieħ kbir għall-ħidma tiegħu mill-Ġeneral de Gaulle u mill-Gvern Franċiż.

Meta kellu tmenin sena Fernand Gregh kien maħtur Akkademiku ta' Franza, jiġifieri Membru tal-Acadèmie Francaise, b'hekk sa fl-aħħar ingħata s-siġill fuq l-opra wtieqa tiegħu fil-qasam tal-poeżija li issa għandha postha għal dejjem fil-letteratura ta' Franza. Għax l-Acadèmie Francaise kien waqqafha l-Kardinal Richelieu sewwa sew b'ex tieħu ħsieb l-ilsien Franċiż; jista' jkollha mhux aktar minn 40 membru li jkunu l-aktar nies magħrufa ta' Franza fil-qasam intellettwali tant li lil dawn in-nies isejħulhom l-40 immortali ta' Franza.

Barra milli kien studjuż tal-letteratura Franċiża u ta korsijiet fuqha f'Oxford, f'Londra u fl-Istati Uniti, barra li kien poeta tassew kbir, u xandari magħruf minn fuq ir-Radju ta' Franza dwar suġġetti letterarji, hu kien ukoll kritiku drammatiku ta' "La libertè" (1912), u ta' "Nouvelles Litteraires" (1922) u f'dan il-qasam kelmtu kienet tiswa ħafna. Kien ukoll ħabib ta' ħafna nies magħrufa bħalma ngħidu aħna Leon Blum, Georges Clemenceau, Marcel Proust — li fuq il-ħbiberija miegħu kiteb sħiħ — Aristide Briand, Henri Barbusse, Henri Bergson, Ribaud u tant oħrajn, fosthom artisti kbar bħal Sarah Bernhardt.

Fernand Gregh miet fil-5 ta' Jannar, 1960, ta' 87 sena wara li

għadda ħajja ta' sodisfazzjon kbira mhux biss għalih u għan-nies li hu kien iħobb ħafna imma wkoll għal dawk kollha li kienu jħobbu b'mod speċjali l-poeżija Franċiża — u biex ngħiduha kif inhi xejn inqas għal-ina l-Maltin li ma nistgħux ma nħossux ruħna xi ftit kburin bi bniedem bħal Fernand li kien jiftaħar bin-nisel tiegħu Malti.

## PUBBLIKAZZJONIJIET

1896 — La Maison de l'Enfance, poemes — Calman levy
1900 — La Beaute de Vivre, poemes — Calman levy
1901 — La Fenêtre Ouverte, essais de critique — Fasquelle
1902 — Manifeste de l'Humanisme — Le Figaro
1904 — Les Clartes Humaines, poemes — Fasquelle
1904 — Etûde sur Victor Hugo — Fasquelle
1905 — L'Or des Minutes, poemes — Fasquelle
1908 — Prelude Feerique, un acte au ver, Mercure de France — Heugel
1910 — La Chaine Eternelle, poemes — Fasquelle
1917 — La Couronne Douloreuse, poemes sur la guerre — Fasquelle
1919 — Triomphe
1923 — Couleur de la Vie, poemes — Flammarion
1927 — Choix de Poesies — Fasquelle
1933 — La Comtesse de Noailles — Paillart
1933 — La Gloire du Coeur, poemes — Flammarion
1933 — Tableau de la Poesie Française
1935 — L'Ouvre de Victor Hugo — Flammarion
1936 — Portrait de le Poesie Française au XIX siecle — De la Grave
1937 — Les Amants Ronantiques, piece en 5 actes et 1 prologue, en vers
1938 — Portrait del la Poesie Française au XX siecle — De la Grave
1939 — Historie du Theatre Poetique en France depuis Beaumarchais
1940 — C'Etait l'Espagne, voyages
1945 — La Couronne perdue et retrouve, — Flammarion
1947 — L'Age d'Or, souvenirs d'enfance et de jeunesse — Grasset
1950 — Theatre Feerique — Nagel
1951 — L'Age d'Ariain — Grasset
1953 — Victor Hugo, sa vie, son ouvre
1953 — Discours de Reception de Fernand Gregh à l'Academie Francaise et Response de J. Romians — Flammarion
1955 — L'Age de Fer — Grasset
1957 — Le Mot du Monde, poemes — Nagel
1958 — Mon Amitie aves Marcel Proust — souvenirs et letters inedites

# ĦDEJN IL-BAĦAR

## ALFRED MASSA

Hadt gost
nara baħar miżgħud bin-nies
igħumu w iċafċfu ferħana
ħa jtaffu ftit is-sħana.

U ħsibt:
Kemm minn dil-ġemgħa
il-baħar flok banju qed jużaw
imbagħad bi ħmieġ ħaddieħor jitkażaw!

Tgħid il-baħar
għandu setgħa jnaddaf moħħ il-bniedem?

Min jaf?
Min jaf?....

8/7/73

# GHODWA SAJFIJA

## ALFRED MASSA

Sabiħa x-xemx tielgħa minn ġol-baħar
tifrex quddiemha triq leqqiena.
Ħelwin id-dgħajjes jitbandlu
u jkattru b'dawk ilwienhom
ġmiel id-dehra.

Kemm iddoqq b'sengħa ċ-ċafċifa
hekk kif maċ-ċagħaq titbewwes;
u kemm b'nifs ħafif jimtela s-sider
biż-żiffa pura li tfewweġ lejn ix-xatt.

Kollox jinħass bnin u ħelu
ħdejn il-baħar
f'għodwa sajfija;
sakemm l-arja ma titniġġiżx
bin-nifsijiet ta' imħuħ morda.

10/7/73

# "QAWSALLA '72"

Studju ta'

MANWEL CASSAR

GHADNI KEMM QRAJT IL-KTIEB "QAWSALLA '72" li fih erba' taqsimiet ta' ghanjiet miktubin minn Alfred Massa, Alfred Palma, John Sciberras u Maurice Vella Borg. Jidhirli li l-ktieb hu ta' mod modest, biex ninqeda bi frażi ta' A. Massa. Il-ktieb hu modest fid-dehra u fil-kwalitajiet ta' poeżiji. Fih safa ta' stampa bla wisq għeltijiet, karta u tipi li jiġbdu. Il-ħsibijiet ma joftendux lil Dinna u għalhekk lanqas lill-qarrej. Hemm skop għattul u ieħor għall-qosor. L-awturi ta' din l-antoloġija ħarġu b'għanjiet qsar barra "Mysterium Mysteriorum" ta' Maurice Vella Borg li fiha tmintax-il strofa saffika. L-akbar għadd tal-versi huma metrići mħalltin, iżda hemm ukoll sunetti, strofi ta' b'erba' versi u gosti oħra.

Minn xi żmien 'l hawn "drajna" naqraw reċensjonijiet li jaħlu biċċa twila minnhom, bla proporzjon, dwar il-fatt li l-versi m'humiex bi stil modern hieles mis-sengħa ta' dari. Fil-biċċa l-kbira dawn il-fehmiet jew ma jkollhomx x'jaqsmu jew ikunu mġebbda. Kif qalu tajjeb xi għaqlin tassew, li għandu jitqies hu jekk ix-xogħlijiet ikunux tajbin, jiġifieri jkunx fihom poeżija. Imbagħad, jekk ikunu fuq is-sengħa ta' dari, jaqsam jekk ikunux ħaddmu s-sengħa bil-għaqal.

Fost ix-xogħlijiet ta' "Qawsalla '72" hemm dawk li ma tantx sibt poeżija fihom, imma hemm dawk li rajtilhom poeżija sabiħa. Ukoll, teknikament hemm il-fewġa bnina u hemm il-ħedla għajjiena.

F'Alfred Massa nara qalba għall-aħjar, minn "Stqarrija" u "Twelid" u "Lill-Għasfur Għannej" għal "Disma," "Tebut" u "Versi."

"Disma" tispiċċa bil-kelma-vers 'Ħalliel!......" fiż-żewġ strofi tagħha. L-istess kelma fit-tieni strofa tieħu fehma fina, dak li fl-Ingliż ngħidulu "subtle meaning." Prosit. L-istess finezza, u għalhekk prosit mill-ġdid, naraha fil-vers "— u ħbieb ta' ġewwa —" fil-poeżija "Tebut."

"Versi" għandha sentimenti li jaqblu ma' versi oħra tiegħu, bħal f'"Il-Miled Tas-Seklu XX," "Mulej, Int Taf......" u "Ajru Mħawwad". Minn dawn il-kittieb jintwera bħala bniedem kontra l-frugħat ta' żmienna. Mill-bqija ta' ħsibijietu jibqa' jidher bħala raġel ta' karattru.

Il-vers tiegħu hu mieles. Il-kelma safja u Maltija.

Alfred Palma għandu wkoll stil ċar daqs il-ġewlaq trasparenti tal-plastik tat-tfajla li tinsab qiegħda ħdejja fuq bank fl-Istazzjon ta' Triq Flinders, Melbourne, fejn qed nistennew tasal il-ferrovija. Fil-ġewlaq jidhru xirjitha u ħteġijietha sal-qiegħ nett. Biċ-ċarezza ma titfixkilx biex issib.

"Dmugħ Il-Warda," "Quddiem Il-Baħar," "Weraq Mejjet u "L-Aħħar Rebbiegħa" ma narahomx ta' saħħa xħin inqabbilhom ma' l-oħrajn tiegħu "Qniepen", "Żewġ Oqbra," "Requiem," "Appuntament" u "Berceuse."

Is-saħħa ta' "Qniepen" tinsab fil-għeluq. Il-poeta jisma' u jiftakar id-daqq tal-qniepen f'bosta okkażjonijiet. Biss hemm qanpiena li ma jkunx jista' jisma' — dik li tħabbar mewtu.

"Żewġ Oqbra" togħġobni iżjed mill-oħra. Fiha l-mertu li hi miġbura, bla ħala ta' kliem. Fl-ewwel strofa jurina qabar bla tiżjin u tiżwiq għajr id-daqsxejn li tatu n-natura: "Ħaxix ħażin". Fit-tieni jiddeskrivi qabar "im-

dieher għall-aħħar," (sabiħa l-kelma "imdieher") bi rħam, b'fanali u dammiet ta' fjuri. Imbagħad il-poeta jġagħlek tqum qawma fil-ħsieb. Igħidlek, ftakar, imma, li minn ġewwa ma hemmx bidla fl-oqbra. Il-mewt ma tgħammixhiex bl-unuri. Trab kont u trab issir.

"Requiem" mhix ta' ħsieb ġdid u hi sempliċi, imma fiha daqqa ħelwa endekasilllaba.

"Appuntament" togħġobni ħafna. Maħduma bil-għaqal. Nagħraf li l-ħsieb u l-versi jimxu pass pass fit-tieni taqsima ma' dawk ta' l-ewwel waħda. Ried jara bniedem bħalu li dan jidhirlu li hu kbir. Il-poeta juża apposta "k" żgħira fi "kbir" għax dan il-bniedem ma kien kbir xejn għax nieqes mill-ħniena. Imbagħad ried jara lill-Mulej, Kbir bil-"K" kbira li għaliH, bil-maqlub ta' għalih, ma ħtiġlux appuntament. Il-Mulej ma qiesx lill-intervistat bħala dubbiena u dan ma ħtiġlux jilbes l-aħjar ilbies u, fuq kollox, il-Mulej wera l-akbar ħniena. Din poeżija sabiħa.

"Berceuse" tpinġi omm żagħżugħa li raġel qarraqha f'imħabbitha u li, għal raġuni li ma tingħadx biċ-ċar mill-awtur, issa se jeħdulha 'l binha li bħalissa jinsab

...... **rieqed ħdejha,**
**Imfisqi fil-ħarir u fil-mistħija."**

Din poeżija melodjuża bi kliem floku.

GĦad li ċ-ċajt f'sura ta' l-epigramm, tal-limerikk u ta' 'clerihew' (din ta' l-aħħar żufjettuża ħafifa) u ta' 'Tqabila" (ħelwa tassew u rebbieħa f'konkors; fuq l-istil ta' Lewis Carroll) ma jonqsux, is-serjeta' tal-qasma ta' qalb f'nuqqas ta' ksib ta' mara għaż-żwieġ (s'issa) tinħass wisq iktar fil-versi sensittivi ta' John Sciberras. Ma għandix dubju dwar John: hu poeta GĦalkemm f'dal-kajku fehem aktar milli biss għall-ftit li jħobbu l-poeżija,

**"Poeta, billi**
**toqgħod tgħanni**
**se jisimgħuk?,**

madankollu, għallinqas, niżgura lil John li min hu marbut mal-poeżija tajba ma għandux għax ma jħobbx għanjietu. (Il-versi jien sejjaħtilhom "ħajku" għax jistgħu jitqiesu hekk għad li s-soltu din l-għamla Ġappuniża tkun bit-tieni vers ta' seba' sillabi). Fost tjubijiet oħra, għandu: is-suġġetti huma l-iżjed meħudin minn tiġribu u mhemmx artifiċjalita' ("Rokku", "Xi Tridha L-Imħabba"); fil-poeżiji s-serji li m'humiex epigrammi kemm-il darba nsiblu saħħa epigrammatika ("Il-Bidla," "Il-Ballata Tas-Suldat"); imur għas-suġġett f'linja dritta. dak li fl-Ingliż ngħidulu "gets to the point;" kelma ħafifa Maltija u flokha.

Il-poeżiji ta' "Qawsalla '72" qrajthom mitt darba. Ta' bnadi oħra lħaqt qrajthom elf darba.

Nieħu għażla ċkejkna minn dal-ktieb.

"Rokku" — kwadru sabiħ b'qima għall-ħaddiem, bi stil tal-pittura ta' Millet bħal f'"Dak Li Jqatta' l-Ħatab" jew f'"Angelus."

Kuntrast" — l-ekonomija tal-kelma terfa' lil dawn il-versi minkejja li huma fuq suġġett qadim.

"Il-Bidla" — milquta. Prosit tassew!
"Twelidt" — poeżija ta' żewġ kelmiet biss:

**"Inqbadt
f'uragan!"**

u tgħid biżżejjed x'jidhirilu l-kittieb minn kif iħossu.

"Il Prostituta" — xhieda oħra ta' l-ekonomija tal-kelma. Xhieda oħra tal-ħsieb Kristjan: il-mogħdrija.

**"Aktar milli stmerrija
inħoss għaliha ħniena."**

Tiġini f'moħħi silta minn ittra twila kollha tagħrif u fehmiet ta' Vincent Van Gogh li kiteb minn Antwerp lejn tmiem Diċembru 1885 lil ħuh Theo. Lill-pittur kien għadu kemm waslulu l-flus li kienu l-mezz tal-għejxien tiegħu u li kien dejjem jibgħatlu ħuh. Biex ipitter ir-ras Van Gogh kera mudell, mara sabiħa tal-ħwienet lejl'n. Igħid: "Din hi tfajla minn cafe' chantant, u madankollu l-espressjoni li fittixt kienet aktarx bħall-Ecce Homo.

Imma billi rrid nissokta b'**dak li hu,** l-iżjed fl-espressjoni, għad li naf naħrab bil-fantasija, din hi li ridt nesprimi.

Meta ġiet it-tfajla, l-mudell, mid-dehra kienet bieżla ħafna fl-iljieli ta' qabel, u qalet ħaġa li laqtitni bħala tas-soltu: 'Pour moi le champagne ne m'égaye pas, il me rend tout triste.' ('Lili x-xampanja ma tferraħnix, tagħmilni hekk kiebja').

Imbagħad fhimt, u ppruvajt nesprimi xi ħaġa mixħuta għall-pjaċiri tas-sensi u fl-istess waqt imnikkta għall-aħħar"

"Fuq L-Ajruplan," —
"L-Aħħar Tas-Sena," —
"L-Ewwel Tas-Sena," —
"Waqt li Naqra," —

huma poeżiji reliġjużi, imma kemm m'humiex konvenzjonali! Kemm huma ħjelin!:

**"Mulej, ej' nagħmlu mixja f'din il-ħemda,
nitkellmu ras ma' ras bla ħadd jintebaħ... "**

L-imħabba mdejqa li tidher f'għadd ta' poeżiji tilħaq il-quċċata tas-sentiment fin u tas-sengħa letterarja f'"Farka," f'"Int U Jien,' (għad li din fiha iktar minn tifsira waħda) u f'"Meta Kelli Għoxrin Sena." Ħdejn dawn, imma fuq suġġetti oħra, "Ipnotiżmu" ma tirbaħx ir-raġuni tiegħi. Għaliex bilfors in-nies ma jistgħux iħobbu l-ħajja mbilli jkunu marru "to let off steam" fil-karnival? "Xemx U Xita" nieqsa minn qawwet il-poeżiji reliġjużi u amorużi.

L-ogħla poeżija li għandu Maurice Vella Borg f'din l-antoloġija hi waħda li ġġib isem poeżija ta' K. Vassallo, "Mysterium Mysteriorum" u hi filosofika bħalha, imma differenti fl-argumenti. Tneħħi xi ftit versi metrikament ibsin

(bħall-versi 18, 39, 67 u 71), d-l-poeżija hi misjura fil-ħsieb u ġġiegħel lill-qarrej iħarreġ moħħu. Hi poeżija intelliġenti. Hi poeżija li tassew kien ta' min jiktibha.

Ħassieba hi wkoll "Ħsebijiet," imma togħġobni inqas.

"Nemo Profeta Accipitur In Patria Sua" huwa sunett Petrarkjan maħdum b'ħila xierqa — fih jinseġ ma' tiegħu versi ta' Dun Karm il-ġganti bla ma l-versi ta' Maurice jidhru dgħajfin u bla ma jitlef il-mira tiegħu.

"Ħut Tal-Moda" hi iktar "moderna" u tinftieħem bla tbatija u iżjed oriġinali minn xi oħrajn tiegħu.

"Lil Karmenu Vassallo" hu sunett ieħor tajjeb, għalkemm neħodha kontra l-ħsieb (jekk nieħdu kelma b'kelma),

**"M'hemmx ħabi, m'hemmx il-ward u ż-żahar li dejjem**
**Faħħar elf ġifa;..."**

GĦad li m'humiex ġodda fil-ħsieb, iż-żewġ għanjiet "L-Omm" naraħom ħelwin. Dnub li l-aħħar vers tat-tieni waħda jagħlaqha dgħajjef grammatikament: aħna ngħidu "mingħajrha" u mhux "mingħajr hija."

GĦandu żewġ traduzzjonijiet, waħda minn Dun Karm u oħra minn Pascoli u għandu xi epigrammi u versi umoristiċi. "Mia," epigramm bil-ħażen tal-moħħ, laqatni.

Qabel nagħlaq nixtieq nagħti xi pariri, pariri qed ngħid u mhux uffiżi. Qed niftiehmu? X'inhu l-aħjar, li ma ngħid xejn, jew li nagħti daqsxejn għajnuna bi ħbiberija lil dawn u lil min għandu widnejn biex jisma' u jrid jisma'?

Hemm għadd ta' versi f'dal ktieb li ma jibdewx bl-artiklu jew parti sħiħa tad-diskors meta misshom jagħmlu hekk, bħal:

"l-qerda ġewwinija ta' ruħ is-safa;"
"L-qanpiena ssejjaħli;"
"Jkun l-iskarjota" ukoll l-"Iskarjota" aħjar tibda b'ittra kbira għax nom persunali).

Sibt għadd ta' liċenzji poetiċi li wieħed jista' jnaqqihom, bħal:

"minn ħdejja inkeċċik;"
"Taffili in-niket ta' qalbi;
"B'hekka ix-xogħol jinġ'eb u jinsa l-ġrajja;"

F'dawn l-eżempji sar titwil b'xi sillabi biex il-vers ikun tal-qies meħtieġ, "ħdejja inkeċċik" flok "ħdejja nkeċċik," "hekka flok "hekk' ......

Iltqajt ma' xi kelmiet li mingħalija morfoliġikament mgħawġin: "togħsfura" (i.e. "togħsfor"), "mtemmija" (i.e. "mitmuma"), "misbut" (i.e. "imsabbat"):

'L hawn u 'l hinn rajt xi fehma li m'hix sostnuta, bħal:

(il-kittieb qed ikellem lil għasfur):

**"Trid tkun biss l-għanja tiegħek**
**li żżomm fina l-bnedmin**
**il-ħsieb ta' dinja oħra**
**fejn ngħixu ferħanin."**

Mhux l-għanja tal-għasfur **biss** tagħmel hekk, hux tassew?;

(il-kittieb qed jitħaddet dwar il-fjur artifiċjali tal-karti):

**"għalkemm mhu nieqes bl-ebda mod mill-ġmiel;"**

Il-fjur tal-karti jkun nieqes minn xi ġmiel.

Rajt xogħol tajjeb jitwal b'dik in-naqra li tgħarraq, bħal f'dawn:

**"Fejn taf kemm kien ħabrieki!"** ("Rokku")

**"Ma nafx temminx, għalkemm qed ngħid is-sewwa!"** ("Ma Nafx Temminx").

Intenni. Semmeit dawn it-tentufiet b'għan tajjeb. Sewwa li nitgħallmu mingħand xulxin bħala aħwa jew ħbieb.

Imbagħad, bil-maqlub tal-ħabba lezzjoni t'hawn fuq, hemm lezzjonijiet li jisvew mitqilhom deheb x'nieħdu aħna l-qarrejja minn "Qawsalla '72."

Diġa' semmejt xi tjubijiet tagħhom. Inżid.

Alfred Massa f'"Tifel" jgħallimna li l-versi tal-ħamsa fi kwartini ordinarji b'rima t-tieni mar-raba' għadhom jafu jkunu ħelwin u jogħġbu:

**"Għax għada jasal**
**u tibki żgur**
**tkun trid l-għajnuna;**
**fejn taqbad tmur?**
**Issa ixxala**
**ħallik mill-ħsieb**
**għax l-hemm ġa qiegħed**
**lest wara l-bieb."**

Qrajt kontra l-versi tal-ħamsa bħala li huma kantaliena. Jidhirli li kull vers jista' jkun kantaliena. Xi ħadd hawn jaqbeż igħid "Daqshekk hu! Għalhekk jien nikteb versi ħielsa!" Imma, għadni ma temmejtx li kont se ngħid. Kull vers jista' jkun kantaliena, iżda biss skond **kif** jisfa' maħdum."

Kemm huma ħelwin dawn il-ħames versi ta' Alfred Palma fi "Fwejjaħ":

**Imferrxa minn id ir-rebbiegħa...**
**"Fwieħa tal-fjuri...**
**Għaddejja tiġġerra**
**Fuq mirkeb imlewwen...**
**Ta' raġġi tax-xemx."**

Jew dawn fejn Alfred Palma jkun għadu kemm iddeskriva l-"Margeriti" mħabbtin bir-riħ:

**"Tħassartkom, margeriti,**
**U ma flaħtx aktar nara dik il-ħaqra!**
**Fuq raskom qrajt il-kliem:**
**'TMISSUX IL-FJURI'**
**'Mma r-riħ, ja margeriti ma jafx jaqra!"**

Mat-tagħlimiet li semmejna f'post ieħor u li neħduhom mingħand John Sciberras, nistgħu nżidu s-siwi tat-tixbih u tal-kuntrasti, dak u dawn bħala ċ-

ċappetti li fuqhom idur il-ħsieb ewlieni. Għanjietu mimlijin bihom. Tixbihat huma l-poeżiji ta' suċċess: "Nixtieqni," "Ma Nafx Temminx," "Strofa," "Kwadru," "Festa." Fost il-kuntrasti effettivi hemm: "Kuntrast," "Kollox Ħiemed Madwar," "Il-Bidla," "Ħsieb," "Illużjoni," "Il-Ballata Tas-Suldat," "Int U Jien"...

Hawn din li semmejt l-aħħar. Fl-istess ħin naraw l-għeluq tajjeb:

**"Inti blanzun**
**ta' warda bajda**
**daqs il-firxa tal-borra**
**fuq siġar u djar u widien.**
**Jien tulipan mitbiel**
**bil-petali mdendla**
**irejħu l-qrusa**
**ma' kullimkien.**
**Int bidu, jien tmiem...**
**... tiftaħx quddiemi."**

Maurice Vella Borg kiteb fid-daħla għat-taqsima tiegħu: "Il-poeta huwa artista tal-ħsieb u l-għodda tal-poeta huma l-kliem meqjus u maħsub." Hawnhekk qies kliemu:

(i) **"Li sar sar dejjem għaliex hekk ried HUWA**
**Mhux għax ried huwa jew hija jew huma:";**

(ii) **" ...... Għax għar-rabta**
**Mqaddsa, għal għomru,**
**Xitana jagħżel anġlu meta jemmen..."**

(iii) "(Dwar ix-xufftejn ta' min jitkellem wisq, jew jomgħod il-"bubble gum" sikwit):
**"Mitt elf darba**
**Jagħmlu ċiera x-xufftejn**
**U mitt elf darba**
**Jitressqu w jinħabbu mill-ġdid."**

(iv) **"Kemm il-kelma lifgħana;......"**

Ngħid għalija, dan il-ktieb modest se nqiegħdu fil-ġieħ mal-kotba l-oħra li għandi ta' versi Maltin ta' oħrajn.

**28/2 sas-6/3/73**

# ODYSSEUS

J. P. VASSALLO

Għaddew is-snin fuq Ithaca, it-tarġa,
Xbajt u għajejt ta Troja ntenni l-ġrajja;
Inċaqlaq xettru fuq daqsxejn ta' poplu,
Ma' ibni u marti 'l hawn u 'l hemm nitlajja.

Meta fix-xitwa s-sema tbaxxa mdallam,
Faqqgħu sajjetti u ħalel kissru l-blat,
Xegħlet ġo fija x-xewqa tat-taqbida
U qalbi xtarret dak li darba rat.

U ġbart lil sħabi biex darb'oħra nbaħħru
Nifthu il-qlugħ darb'oħra għat-tiġrib,
Għajnejna msammra fuq kewkbiet is-safar,
Wiċċna maħsul bir-raxx li l-mewġ iġib.

Ħallejt il-gżira sbejħa donnha ħawħa,
L-għażiża sieħba — lil Penelope —
U ġens qalbieni, iżda sħiħ fit-tjieba
Telemaku ibni biex isaltan re.

X'għaxqa ta' ilħna meta l-mewġ ibewwes
U jħaddan b'żina tad-dgħajsa il-ġenbejn,
Li fuq il-mewġa bi tnehida taqbeż
U f'mewġa oħra tmelles il-ħaddejn.

Xemx wara xemx dawlulna l-ġirja tagħna,
Sirti ħallejna, ħallejna Ġebel Nar,
U għodwa waħda fuq ix-xefaq ikħal
Dehret iż-żokra tal-baħar f'nofs inhar.

Maqdes fuq maqdes, u nċens iċajpar sema,
Qala' mill-isbaħ ta' tas-sliem il-wegħda;
Iżda fid-dħul b'dwiefer u njieb ta' tigra,
Heddu żewġ Mostri: l-Għira u l-Mibegħda.

**Diċembru 1973**

# GALLARIJA

ALBERT M. CASSOLA

Tapit imdendel f'gallarija,
wara tfarfira u ħasla,
qisu damask għall-proċessjoni,
b'warajh fil-bieb tal-kamra
purtiera ċara
taqta' mal-biċċa ħamra,
purtiera twila
lewn mant tal-Madonna.

U inti bħal tistenna
li Din sa tidher,
fil-glorja tax-xemx tisreġ
bejn dak il-mant
u t-tapit.

Int tibqa' tħares u tistenna
bil-ħsieb li sa tithenna
bid-dehra tal-Madonna,
Sultana tal-ġenna.

U f'daqqa tilmaħ
il-miraklu.
Tfajla żagħżugħa,
xuxitha tad-deheb,
wiċċha bajdani,
tixref minn wara l-mant kaħlani
u taħsdek bis-sbuħija.

Min hi? Il-Magħżula?

Inti tistagħġeb, ma temminx 'l għajnejk,
ma tafx quddiemha
tinżilx għarrkobbtejk.
U fl-istess ħin
ma tafx hix devozzjoni
jew biss ammirazzjoni
għal bniedma bħall-oħrajn.

Tkun sa ssaqsieha
u malli tbexxaq fommok
u tgħammex ftit għajnejk,
hi tgħib għal kollox
u int tibqa' miblugħ.

Fil-gallarija
tara t-tapit, tibqa' l-purtiera,
tibqa' fil-moħħ
il-fantasija.

---

# Reċensjoni:

**"SIJON" — Rivista tal-Għaqda Biblika Maltija — Vol. 6 (1973-74) Nru. 5 — Abbon. 25c fis-sena.**

Rivista f'Malta fuq l-Iskrittura ma tistax tistenna minnha xi kontributi kbar għall-istudju tal-Kitba Mqaddsa. Iċ-ċokon tagħna bil-ftit speċjalisti ma jħallix li dan isehh. L-għan ta' "Sijon" hu li xxerred it-tagħlim fuq l-Iskrittura fost il-poplu. Għalhekk hu diffiċli li jinżamm ċertu livell. Artikoli bħal "Id-Dnub ta' Geroboghom" ta' Patri Egidju Mizzi u "Il-ktieb ta' Ġuditta" tal-Prof. Sant igħinu ħafna waqt li "Rikonċiljazzjoni" ta' Patri Donat bit-taqsim f'forma ta' lezzjoni jitlob iktar attenzjoni mill-qarrej.

Interessanti f'dan numru hu l-kontribut tal-Prof. Sant fejn ippublika silta minn ittra ta' Rev. W. Jowett lill-Prof. Samuel Lee ta' Cambridge fuq l-ewwel Malti, Ġużeppi Marija Canolo, li qaleb f'ilsienna l-vanġelu ta' San Ġwann.

L-aħbarijiet li jagħti l-editorjal kif ukoll l-aħħar artikolu fuq il-ħidma tal-Għaqda Biblika Maltija jgħinu ħafna biex jinħoloq interess fil-ħidma tal-Għaqda u jżommu ħaj. Dnub li l-Prof. Sant jagħti żewġ kontributi fl-istess numru. Minnu li kitba fuq l-Iskrittura mhix għal idejn kulħadd, imma la r-rivista toħroġ 4 darbiet biss fis-sena jista' jkun hemm kontribuzzjonijiet minn oħrajn.

x x x